MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2010

Numru 733/2006

Il-Pulizija
(Spettur Martin Sammut
Spettur Louise Calleja)

vs

Musab Miftah Al-Kalbash

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-akkuzat ta’ karta ta’ identita’ numru 20397A, akkuzat talli:

- fit-22 ta’ Lulju 2006 bejn l-4.00am u l-5.15am fl-inhawi ta’ Paceville, gewwa San Giljan:

- bil-vjolenza kkommetta stupru fuq il-persuna ta’ Julia Windorbska;

- bi vjolenza ikkommetta attentat vjolent ghall-pudur fuq il-persuna ta’ Julia Windorbska;
- bla ordni skond il-ligi ta’ awtorita’ kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew sekwestra lill-imsemmija Julia Windorbska kontra l-volonta’ taghha jew ta’ l-post biex din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew sekwestrata u dan bhala mezz biex l-imsemmija Julia Windorbska tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha;
- ikkommetta serq ta’ apparat telefoniku cellulari ta’ l-ghamla Nokia 7200 ta’ kulur abjad u griz, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin u bil-valur u li sar ghad-detriment ta’ l-imsemmija Julia Windorbska;
- offenda l-pudur jew il-morali b’ghemil li sar f’lok pubbliku jew lok espost ghall-pubbliku.

Rat l-Artikoli tal-Ligi fir-rinviju ghall-gudizju tal-Avukat Generali li bihom irrinvija l-atti tal-imputat lil din il-Qorti sabiex tiggudika dwar il-htija jew nuqqas taghha ghall-akkuzi skond kif imfissra fl-artikoli tal-ligi citati;

Semghet lill-akkuzat jiddikjara li ma kellhux oggezzjoni biex il-kawza tinstema’ u tigi deciza minn dina l-Qorti;

Semghet ix-xhieda inkluz l-akkuzat bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

Ai termini tar-rinviju ghall-gudizzju l-akkuzat ghandu jirrispondi: ta’stupru vjolent; ta’ attentat ghall-pudur bil-vjolenza; ta’ arrest, detenzjoni jew sekwestru ta’ persuna kontra l-ligi taht cirkostanzi aggravanti; ta’ serq aggravat bil-valur u hin; ta’ offiza ghall-pudur jew ghall-morali maghmula fil-pubbliku.

L-allegat misfatt jirrisali ghat-22 ta’ Lulju 2006 filwaqt li l-kwerelanta certa Julia Windorbska, Polakka, ta’ ghoxrin sena, kienet qeghdha tizfen fl-istabiliment maghruf bhala ‘Havana’ sit f’Triq San Gorg, Paceville, fis-sighat bikrin ta’ filghodu u indunat li l-portmoni kien naqsilha. Jizfen hdejha kien hemm guvni li l-kwerelanta identifikat bhala l-akkuzat. Dan qalilha li kien jaf fejn jista’ jinstab il-portmoni u stidiena sabiex tmur mieghu. Hawnhekk il-kwerelanta tistqarr li dan il-guvni ossija l-akkuzat hadha l’isfel fl-imsemmija triq u hawnhekk f’roqha fejn hemm xi sigar, fid-dizabitat, stupraha. Il-kwerelanta tistqarr li kien wkoll naqsilha t-telefon cellulari.

L-akkuzat meta xehed ‘viva voce’ cahad dak allegat mill-kwerelanta. Madanakollu afferma li fil-lejl in kwistjoni huwa verament kien qieghed fl-istabiliment ‘Havana’ flimkien ma xi hbieb tieghu u veru wkoll li f’hin minnhom kien qieghed jizfen vicin il-kwerelanta u xi hbieb taghha. Jghid li kienu qed jizfnu bhala grupp. Cahad pero’ l-evidenza li tidher abastanza cara mill-fotogramm t’isfel (folio 19) fejn jidher qieghed izomm id il-kwerelanta risaq lilin mill-arja ta’ zfin. Sostna li hemmhekk kienu fl-arja ta’ zfin u mhux minnu li kien qed izomm id il-kwerelanta. Stqarr li baqa il-‘Havana’ sakemm hareg wahdu biex jirritorna d-dar f’xi l-erba’ ta’ filghodu. Dwar it-telefon cellulari li nstab u gie elevat mill-pulizija mill-fond residenzjali tieghu jghid li sabu fit-tarag tal-istabbiliment hu u hiereg biex imur id-dar. Fir-rigward ic-cellulari dan gie identifikat mill-kwerelanta bhala taghha u propju dak li kien naqsilha fil-lejl in kwistjoni u misjub ghand l-akkuzat xi gimgha wara.

Fl-apprezzament tal-provi li ghamlet din il-Qorti jidrilha li xejn mhu konvincenti l-akkuzat. Fil-fehma taghha hemm provi anka jekk cirkostanzjali li ma jissupportawx dak li isostni l-akkuzat. Fuq kollox huwa principju tal-eriminewtika legali li ippruvat fatt mill-prosekuzzjoni jispetta lill-imputat li jipprova l-kontra jew ghal ta’ l-anqas jitfa’ dubbju dettat mill-probabbli. Huwa fatt per ezempju li kontra dak li jistqarr l-akkuzat li gharaf lilu innifsu fil-fotogramm suriferit illi huwa jidher izomm id il-kwerelanta

u jiehu direzzjoni l-barra mill-arja ta’ zfin kif identifikata din l-arja mill-akkuzat stess. Hemm imbaghad il-fatt tat-telefon cellulari li nstab fil-pussess tieghu u li ma setax ma kienx jaf li hu tal-kwerelanta minhabba r-ritratti ta’ go fih izda li konvenjentement jghid li sabu fit-tarag hu u hiereg mill-istabbiliment biex imur id-dar. Oltre dan hemm il-fattur tal-istqarrija tieghu dwar liema l-Qorti tikkummenta biss li hu kien ghazel li ma jirrispondiex, tista’ tghid, ghal ebda domanda. Huwa veru li hu eskluz li kien hemm ‘penetrazzjoni’ fatt dan pero li mhux qieghed jiddiskosta l-Qorti fuq li taghti kredenza lill-kwerelanta dwar ic-cirkostanzi l-ohra cioe’ li l-akkuzat f’xi hin hareg ‘il barra mal-kwerelanta bis-sotterfug tat-telefon cellulari hadha u ghamel dak li ghamel maghha kontra l-volonta’ taghha.

Intant, mill-provi, senjatament mir-relazzjonijiet tal-espert medico legali it-tabib Mario Scerri u s-serologista Robert Cardona jirrizulta li ‘penetrazzjoni’ ma kienx hemm u ghaldaqstant ma treggix l-akkuza ta’ stupru ghalkemm fuq dak li affermat il-Qorti fil-paragrafu immedjatament qabel treggi mill-provi l-akkuza ta’ attentat vjolenti ghall-pudur.

Fil-konfront tal-akkuza dwar l-arrest detenzjoni jew sekwestru ta’ persuna hawnhekk wkoll l-Qorti qed issib htija primarjament ghaliex qeghdha taghti kredibilita’ lill-kwerelanta u wkoll ghaliex fil-kuntest ta’ din l-akkuza hu bizzejjed li jigi ppruvat anka detenzjoni momentanea.

Dwar l-akkuza ta’ serq tat-telefon cellulari l-Qorti hi konvinta ‘bla dubbju dettat mir-raguni’ li si tratta proprju ta’ serq u mhux kif jistqarr l-akkuzat li accidentalment sabu fit-tarag u gabru. Altrimenti, kif tispjega, u l-akkuzat ma spjegax, kif zamm dan it-telefon ghandu ghal zmien kollu ta’ gimgha meta kien jaf jew seta facilment ikun jaf mill-kontenut tat-telefon li kien jappartjeni lill-kwerelanta? Intant, ghalkemm is-serq hu kwalifikat bil-hin m’hemmx prova li huwa wkoll kwalifikat bil-valur.

Ghaldaqstant, u nghad dan, qeghdha l-Qorti issib l-akkuzat hati tat-tieni, t-tielet u r-raba akkuzi, l-hames assorbita fit-tieni. Tilliberah mill-ewwel. Rat l-Artikolu 207, 86, 87(g), 261(f), 270, 281(a) u 17(b) tal-Kap 9.

Tikkundannah sbatax il-xahar prigunerija li minnhom jitnaqqsu dawk li l-akkuzat gia' ghamel taht arrest preventiv.

Rat l-Artikolu 533 tal-Kap 9 u tikkundanna l-akkuzat ihallas l-ispejjez kollha inkorsi fin-nomina ta' esperti fil-proceduri u dan fi zmien xahar minn meta jircievi l-avviz ghal hlas mir-Registratur ta' dawn il-Qrati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------